MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Numru. 115/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Jason Zammit**

Kaz Numru: 115/2011

Illum 24 ta' Settembru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jason Zammit**, ta' sebgha u tletin (37) sena, bin Vincent u Rita neé Spiteri, imwieled nhar id-29 ta' April 1974, residenti fil-fond Jassyl, Triq Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 10174(G), akkuzat talli f'Gunju 2011 u fil-

granet u fix-xhur ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, arma tan-nar tal-ghamla mhux maghrufa u bin-numru tas-serje 15903/203479 ghad-dannu ta' Paul Ciantar u Michelangelo Ciantar, liema arma tan-nar giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
2. fl-istess perijodu, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar tal-ghamla mhux maghrufa u bin-numru tas-serje 15903/203479 minghajr ma kien kopert b'licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

3. fl-istess perijodu, lok u cirkustanzi ttrasferixxa jew ikkunsinnja arma tan-nar tal-ghamla mhux maghrufa u bin-numru tas-serje 15903/203479 lill-persuna li ma kellhiex licenzja tal-Kummissarju ghall-imsemmija arma tan-nar;

4. sar recidiv b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) datati 15 ta' Frar 2007 u 29 ta' Settembru 2009 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 116), lil Dr. Joseph Grech jiddikjara li huwa awtorizzat da parte ta' Paul Ciantar u minn Michelangelo Ciantar sabiex jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 122) datata 4 ta' April 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

a. fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikoli 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikoli 5 u 20 tal-Kapitoli 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-22 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 124), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-4 ta' April 2013 (*a fol.* 122), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.
Semghet ix-xhud prodotti mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014, lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi li jirrizultaw mill-atti processwali.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014, lid-difiza taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 144 *et seq.*).

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2014, fejn il-Qorti kkoncediet lid-difiza zmien sal-4 ta' Lulju 2014 sabiex taghmel sottomissjonijiet ulterjuri taghha bil-miktub.

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet tad-difiza (*a fol.* 150 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed **Paul Ciantar** (*a fol.* 28 *et seq.*) fejn qal li meta kien ghadu d-dar ghand ommu qabel ma zzewweg kien hemm zewg armi: wahda tieghu u ohra ta' huh. Jghid li huh qallu li kien ser ibiegh l-arma tieghu u staqsa lilu (lil Paul) x'kien ser jaghmel hu, u hu (Paul) wiegbu li anke hu kien ser ibiegh l-arma. Ha hsieb kollox huh. Jghid li hu (Paul) ma ghamel l-ebda negozju mal-persuna li kellu jixtri l-armi. Jixhed li hu kien haseb li l-armi gew mibjugha lil missier l-imputat u mhux lill-imputat. Jghid li wahda mill-armi ma tinstabx fil-pussess tieghu u li ma jafx fejn qieghda. Mistoqsi jghid fuq min hi registrata l-arma li m'ghadhiex fil-pussess tieghu, jghid li

jahseb li fuqu (Paul). Mistoqsi jghid meta kien li biegh l-arma jew ghaddieha lil xi hadd iehor huh, wiegeb: *"U ilu fuq sena heq! U la gie jghidilna ha nhallaskom u lanqas gie jghidilna biex naghmlu transfer"* (*a fol.* 31).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 664 Jason Xerri** (*a fol.* 32 *et seq.*) fuq ir-rapport redatt minnu, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "JX 1" (*a fol.* 34 *et seq.*). Jghid li minn dak li kien qallu Michelangelo Ciantar, l-imputat kellu jixtri zewgt snieter: wiehed ta' Michelangelo u iehor ta' Paul. Jghid li Michelangelo Ciantar qallu li s-senter ta' huh Paul kellu bzonn xi tiswija u kien hadu ghand il-hanut bl-isem ta' "Id-Dura" biex jigi msewwi. Jghid li Michelangelo Ciantar kien qallu li f'nofs Jannar 2011 kien mar personalment il-hanut "Id-Dura" u s-sid qallu li kien mar l-imputat u ha lura s-senter. Jghid li Michelangelo Ciantar kompla jghidlu li kull meta hu kien jiltaqa' mal-imputat u jsemmilu s-senter, l-imputat kien igib xi skuza u fl-ahhar kien qallu li kien bieghu lil xi hadd Malti. Jghid li Michelangelo Ciantar fl-ahhar qallu li hu kien ta s-senter lill-imputat biex isewwih bil-kunsens ta' huh Paul Ciantar. Meta gie mitkellem Paul Ciantar, dan qallu li s-senter tieghu kellu l-hsara u li huh Michelangelo Ciantar kien qallu li s-senter kien ser jixtrih l-imputat u li kien se jiehu hsieb jirrangah.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed ukoll **Michelangelo Ciantar** (*a fol.* 41 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien ghamel rapport mal-Pulizija li huh u hu kellhom senter kull wiehed u kien ser ibieghom lill-imputat. Jghid li lill-imputat kien qallu li wiehed mis-snieter kellu l-hsara u ma kienx jahdem u li l-imputat kien qallu li kemm il-darba dan jigi rrangat, jehodhom it-tnejn. Jghid li bieghhomlu Lm 120 u li jekk is-senter ma jitrangax, ma jiehdux. Jghid li l-imputat qallu biex jirrangaw is-senter ghand tad-Dura, hadlu s-senter minn idejh u qallu li l-ghada kien ser jaghtih risposta. Jghid li wara xi jiem, mar hu (Michelangelo) stess ghand tad-Dura u qallu: *"Ha nixtrih jien is-senter"* (*a fol.* 42). Jghid li hu (Michelangelo) qallu li kien ser jiehdu mieghu u li tad-Dura qallu: *"le, issa qieghed hawn, jiena ghandi dritt inzomm is-snieter ta' kulhadd"* (*a fol.* 42). Jghid li qallu biex imur jirranga biex isir it-*transfer*. Jghid li halla hmistax jghaddu peress li kien hemm il-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena u meta rega' mar

ghand tad-Dura, is-sid qallu li s-senter kien tah lill-imputat. Jghid li peress li s-senter baqa' ma giex, mar jaghmel rapport. Mistoqsi jghid jekk kellimx lill-imputat fuq it-*transfer*, wiegeb li kellmu diversi drabi u li l-imputat kien jghidlu li kienu ser jaghmlu t-*transfer* u biex ma jikkonfondi xejn. Jghid li ma' l-imputat baqa' li ta s-senter lil xi hadd u ma riedx jaghtihulu lura.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed ukoll **Charles German** (*a fol.* 44 *et seq.*) fejn qal li ilu jaf lill-imputat ghal madwar erba' snin u li sar jafu f'hanut tad-DVDs. Mistoqsi jghid jekk qattx ghamel xi negozju mal-imputat, wiegeb fl-affermattiv u specifika li darba bieghlu zewgt isnieter. Mistoqsi jghid jekk xi darba kellmux fuq xi zewgt isnieter ohra barra dawk li bieghlu hu, wiegeb fin-negattiv.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 139 *et seq.*), jikkonferma li l-imputat ma kien fdalu l-ebda snieter. Jghid li huwa ma ghandux awtorizzazzjoni jsewwi armi. Jghid li hu m'ghandux armi. Jichad li l-imputat fdalu arma tan-nar biex jaghmel tiswijiet fuqha.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 369 Joseph Mizzi** (*a fol.* 46 *et seq.*) fejn qal li fuq isem Michelangelo Ciantar hemm registrat senter bin-numru 5867, l-ghamla tieghu mhux maghrufa. Jixhed ukoll li fuq isem Paul Ciantar hemm registrat senter tal-ghamla mhux maghrufa li jgib in-numru 15903/203479. Jghid li z-zewg persuni msemmija ghandhom licenzji tal-kacca. Ezebixxa zewg licenzji li gew immarkati bhala Dok. "JM 1" u "JM 2" (*a fol.* 48 *et seq.*).

**PS 369 Joseph Mizzi** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 86 *et seq.*) fejn qal li hu ma sab l-ebda dokument fis-sens li l-imputat qattx ghamel applikazzjoni mal-ufficju tal-Pulizija sabiex ikun jista' jgorr arma tan-nar lejn Malta fix-xhur ta' Gunju jew qabel. Jghid li ma sab l-ebda permess.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-imputat ghandu licenzja biex igorr arma tan-nar. Mistoqsi x'jaghmlu l-kaccaturi li minn Malta jmorru Ghawdex ghal kacca, jghid li ssir dikjarazzjoni li per ezempju ghall-perjodu ta' hmistax-il gurnata ser ikunu

Ghawdex. Jghid li kull darba li jsir moviment ta' arma trid tigi nfurmata l-Pulizija. Mistoqsi jghid jekk dan hux il-kaz f'kaz ta' tiswija, arrangament jew manutenzjoni, ighid: *"Ghala, ghal le, ghala le?!"* (*a fol.* 88).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, xehdet **Simone German** (*a fol.* 60 *et seq.*) fejn qalet li hija taf lill-imputat f'hanut tad-DVDs peress li kienu jmorru jikru d-DVDs fil-hanut tieghu madwar erba' snin ilu. Mistoqsija tghid jekk barra l-hanut qattx iltqaghet mal-imputat xi darba ohra, wiegbet fl-affermattiv. Tghid li l-imputat kien joqghod jitkellem mar-ragel taghha fuq il-kacca. Mistoqsija tghid jekk hija kinitx involuta jew kienitx prezenti meta sar xi bejgh ta' xi haga bejn ir-ragel taghha u l-imputat, wiegbet fin-negattiv.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li sa fejn taf hi l-imputat qatt ma cempel rigward xi arma tan-nar. Tghid li qatt ma semghet lir-ragel taghha jkellem lill-imputat fuq senter. Tichad li l-imputat qatt mar Malta jfittixhom u ma fethulux. Tghid li l-imputat qatt ma mar id-dar taghhom. Mistoqsija tghid fejn ltaqghet mal-imputat drabi ohra, wiegbet fejn id-dar tieghu peress li l-imputat kien ighid lir-ragel taghha biex imur sa hdejh ha joqghodu jitkellmu dwar il-kacca. Tghid li hi kienet tmur u kienet tibqa' gol-vann. Tghid li maghha kien ikun hemm it-tifel Jean Claude German, ta' erbatax-il sena. Tghid li l-imputat u zewgha gie li tkellmu fuq snieter pero ma tafx x'qalu fuqhom peress li hi tibqa' fil-vann. Mistoqsija mill-Qorti x'semghethom jghidu fuq is-snieter, wiegbet: *"Gieli jibda jghidlu xi Benelli, ghandu Benelli, xi tmienja u ghoxrin (28) jew sitta u ghoxrin (26), ma nafx ezatt ta!"* (*a fol.* 64). Tghid li gie li semghet li r-ragel taghha xtara senter minn ghand l-imputat. Tichad li l-imputat gie li ta xi snieter ohra lil zewgha biex isewwihom. Tghid li r-ragel taghha huwa mekkanik tat-trakkijiet. Tichad li zewgha qatt sewwa armi tan-nar. Meta regghet giet mistoqsija tghid jekk l-imputat qattx ta xi senter lil zewgha biex isewwih, wiegbet: *"Mhux li naf jien. Jiena naf li zewgt isnieter xtara u naf li kien qalibhom"* (*a fol.* 66).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Dylan German** (*a fol.* 68 *et seq.*) fejn qal li lill-imputat jafu go hanut tad-DVDs f'Ghawdex peress li kienu jmorru jikru d-DVDs minn ghandu.

Jghid li kien imur mal-genituri tieghu Ghawdex pero ma jafx ghala kienu jmorru. Jispjega li lill-imputat ltaqa' mieghu wkoll xi sitt xhur ilu meta kien mar quddiem il-hanut ta' missieru (ta' missier German) u staqsieh ghal missieru u hu (Dylan) tah in-numru. Ma jafx ghala l-imputat ried ikellem lill-misieru. Jghid li missieru mekkanik.

In <u>kontro-ezami</u> jichad li missieru jsewwi s-snieter. Mistoqsi jghid jekk hux minnu li l-imputat gie jkellem lill-missieru fuq senter li kien ghadda lilu, jghid li ma jidhirlux. Jichad li hu kien prezenti meta kien gie mghoddi xi senter. Jghid li missieru qatt ma xtara armi u qatt ma biegh armi. Jghid li lill-imputat ma staqsiehx ghala ried ikellem lil missieru. Jichad li missieru qatt sewwa xi armi. Jghid li hu joqghod man-nannu u mhux mal-genituri tieghu.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Jean Claude German** (*a fol.* 76 *et seq.*) ta' erbatax-il sena, fejn qal li lill-imputat jafu go hanut tad-DVD's f'Ghawdex. Jghid li gie li rah ukoll quddiem id-dar tieghu (tal-imputat) peress li missieru kien imur ikellmu. Jghid li hu (Jean Claude) kien joqghod gol-vann flimkien ma' ommu. Mistoqsi jghid fuq xiex semghahom jitkellmu lil missieru u lill-imputat wiegeb li kienu jitkellmu fuq l-ghasafar. Jghid li kienu jitkellmu fuq xi snieter ukoll. Mistoqsi jghid jekk qattx ra lill-missieru jixtri xi haga minghand l-imputat jew jghaddu xi haga lil xulxin, wiegeb fin-negattiv.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li missieru jahdem bhala mekkanik tal-vetturi, vannijiet etc. Jichad li hu kien prezenti meta l-imputat ghadda senter lil missieru biex isewwih u kien hemm ommu wkoll. Jahseb li missieru ma jafx isewwi s-snieter. Qatt ma ra lil missieru jsewwi xi snieter. Jghid li mhux minnu li n-nies kienu jmorru jhabbtu d-dar taghhom biex jirrangaw xi senter. Jghid li qatt ma kien prezenti ghal xi konverzazzjoni fuq it-telefon li kienet issir bejn l-imputat u missieru. Jghid li qatt ma ra lill-imputat quddiem id-dar taghhom.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012, xehed **John Sultana** (*a fol.* 100 *et seq.*) fejn qal li huwa ghandu hanut tal-kacca. Jghid li lill-imputat jafu ghax xi sena qabel hadlu senter biex isewwihulu.

Jghid li kien hemm hu biss fil-hanut. Jghid li l-arma kien ta lura lill-imputat. Mistoqsi f'liema kondizzjoni tahielu, wiegeb li tahielu lura kif kien tahielu ghax ma kienx sab *parts*. Jghid li l-arma damet ghandu madwar gimgha.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-arma kienet *automatic*. Mistoqsi jghid kemm tiehu skratacc, wiegeb: *"Mhux tlieta (3)?!"* (*a fol.* 102). Ma jiftakarx x'kien jisimha l-arma. Jghid li l-arma l-imputat kien hadilu biex hu (Sultana) jirrangaha personalment. Jichad li hu ghadda s-senter lil xi hadd.

In <u>ri-ezami</u> jghid li meta l-imputat hadlu s-senter ma kienx qallu ta' min hi.

Fuq domandi ohra tad-difiza, li saru fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 135 *et seq.*), Sultana jghid li l-imputat kien hadlu senter wiehed. Mistoqsi jghid jekk kienx intqal xi kliem fil-prezenza tieghu rigward is-senter, jghid li l-imputat kien qal li ser jghaddih lil Charles German. Jghid li dan German kien bieghlu (lil Sultana) senter Browning u bin-numru mhassar. Jghid li ma kienx prezenti meta l-imputat kien ghadda s-senter lil German.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 108 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu rigward dan il-kaz. Ghamel riferenza ghad-diversi dokumenti li kienu diga gew pprezentati qabel, cioé ghad-dikjarazzjoni mmarkata bhala Dok. "F" (*a fol.* 37) u ghall-istqarrija mmarkata bhala Dok. "G" (*a fol.* 38 *et seq.*). Jghid li kien ukoll baghat ghal Charles German fejn kien kellmu fit-23 ta' Ottubru 2011 rigward allegazzjonijiet li kien ghamel l-imputat, fejn German kien cahad li l-arma in kwistjoni kienet fil-pussess tieghu jew xi darba kienet fil-pussess tieghu. Jghid li hu mexa fuq ir-rapport li kien ghamlu l-ahwa Ciantar fl-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li Michelangelo Ciantar kien qallu li kien ghadda l-arma hu stess lill-imputat. Jghid li l-arma ssejjah lil Paul Ciantar. Ikkonferma li l-imputat qallu li ghadda l-arma lil Charles German biex isiru t-tiswijiet fuqha. Jghid li German

cahad dan u li sal-gurnata tal-lum il-Pulizija ma tafx x'sar minnha din l-arma. Jghid li ma hassx il-htiega li ssir tfittxija fir-residenza ta' Charles German.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2013, xehed l-imputat **Jason Zammit** (*a fol.* 125 *et seq.*) fejn qal li kien ser jixtri senter minghand Ciantar bil-kondizzjoni li s-senter jahdem. Jghid li lil Ciantar kien qallu li kien ser jiehu s-senter biex jissewwa u li kien ser jixtrih f'kaz li jissewwa. Jghid li hadu ghand Ganni tad-Dura li jirranga s-snieter u wara xi tlett gimghat dan qallu li ma kienx ser isib tarf jirrangah. Jghid li mar ghas-senter u gabru u hadu ghand habib tieghu Charles German. Jixhed li kien jaf li dan German isewwi s-snieter peress li gieli ghamillu affarijiet simili u mexa dejjem sew mieghu. Jghid li German qallu li s-senter ma kellux hafna xoghol. Jispjega li Michelangelo Ciantar qallu biex ma jhabbilx rasu ghax f'kaz li s-senter ma kienx jissewwa jerga' jiehdu lura. Jghid li minkejja li German kien qallu li s-senter kellu jkun lest fi zmien hmistax il-gurnata, ghaddew tliet xhur u German qatt ma mar lura bis-senter. Jispjega li Michelangelo Ciantar qallu biex tajjeb jew hazin igibu lura s-senter. Jghid li lil German qallu biex igiblu s-senter u ghamel xi sitt xhur. Jghid li lilu qatt ma fetahlu l-bieb tadd-ar pero gie li fetah lil xi hadd li kien jibghat. Jixhed li meta mar hu stess ihabbat il-bieb ta' German, kien iltaqa' mat-tifel ta' German, bl-isem ta' Dylan. Jghid li lil Dylan qallu x'kien ghamillu missieru u li Dylan kien qallu li kienu ghamlulu l-istess haga lilu fuq xi vettura. Jghid li Dylan qallu li huwa ma joqghodx mal-genituri tieghu u li kultant imur ghandhom. Jixhed li wara xi gimgha Dylan kien qallu li s-senter ma kienx hemm. Jghid li kull darba li kien icempel lil Charles German, dan ma kienx jirrispondih. Jghid li darba minnhom baghat lil xi hadd Pullu ghand Charles German u li Charles German kellmu fuq it-telefon u qallu li hu ma kellu ebda senter. Jghid li lil German tah is-senter bil-permess ta' Ciantar. Jghid li meta lil Ciantar qallu li kien hemm wiehed habib tieghu li kien lest jirrangah, Ciantar tah l-awtorizzazzjoni biex dan il-persuna jirranga s-senter.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk lill-Pulizija nfurmahomx li s-senter kien fil-pussess tieghu, wiegeb li ma nfurmahomx. Jghid

li ma qallhomx ghax hu ha dan is-senter biex isewwih bil-kunsens tas-sid.

In ri-ezami mistoqsi jghid jekk kull pass li ghamel rigward is-senter ghamlux bil-permess tas-sid, wiegeb fl-affermattiv.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2014, xehed **Vincent Zammit** (*a fol.* 131 *et seq.*), missier l-imputat, fejn qal li huwa jaf li l-imputat kien ser jixtri senter li kellu xi hsara minn ghand Paul u Michelangelo Ciantar bil-patt li jitranga. Jghid li hadu ghand xi hadd bl-isem ta' Ganni, ir-Rabat. Jghid li dan qallu li ma setghax jirrangah u li certu Charles German qallu li kien lest jirrangahulu hu. Jixhed: *"fil-fatt morna kemm-il darba [ir-residenza ta' German], ma fethilniex imbaghad baghtuna f'xi garaxx"* (*a fol.* 133). Mistoqsi jghid kemm il-darba marru, wiegeb: *"Jason mar kemm-il darba. Jiena mort wahdi ukoll u ma fetahli hadd"* (*a fol.* 133). Jghid: *"Jiena mort id-dar tieghu, ta' German, naf fejn, u ma fetahli hadd. Darba minnhom morna jien u t-tifel u gie xi hadd u baghatna l-garaxx, xi haga hekk, u morna l-garaxx u kien hemm it-tifel tieghu. U x'hin ghidnielu qalli tghidli xejn, dak hekk jaghmel, qalli lili ghamilhieli wkoll. Kelli xi problema hekk, qalli ma nkellmux lil missieri"* (*a fol.* 133).

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk hu kienx prezenti meta ibnu l-imputat ghadda s-senter lil German, wiegeb fin-negattiv.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "G" – *a fol.* 38 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt, l-imputat xehed fuq l-istess linji li huwa ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Mistoqsi jghid jekk lil Michelangelo Ciantar kienx qallu li huwa kien bieghlu s-senter in kwistjoni, l-imputat wiegeb: *"Lil Angelo nghid li ghidtlu li jiena minghand dan il-Malti ridt niehu xi flus ta' mutur u fl-ebda hin lil Angelo ma ghidtlu li kont bieghtulu. Jiena lil dan il-Malti kont lest li anke jiehdu b'xejn basta jsir it-transfer fuqu u ma jibqghax irregistrat fuq Angelo"* (*a fol.* 39).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'erba' imputazzjonijiet li l-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet dwarhom separatament.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi jinghad illi Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jittrattaw ir-reat ta' misappropriijazzjoni u cioé meta persuna zzomm hwejjeg li tkun zammet ghal haddiehor u ma troddhomx lura meta hi tkun taf li trid troddhom. L-Artikolu 294 jaghmilha cara li dan ir-reat japplika wkoll ghal dawk il-persuni li jaghmlu hekk in konnessjoni max-xoghol jew mestjier taghhom.

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' approprijazzjoni indebita. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et** deciza fid-9 ta' Gunju 1998. F'dan il-kaz il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana ir-reat:

> "Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor".

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne*

*danneggia il patrimonio"* (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:
>
> *Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita é necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perché non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di*

> *rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza é costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

Illi l-imputat qed jigi akkuzat li huwa wettaq ir-reat ta' misapproprijazzjoni fir-rigward tas-senter in kwistjoni. Minkejja li l-imputat jghid li s-senter hadu ghand Charles German biex dan isewwihulu, Charles German jichad. Mid-depozizzjonijiet moghtija mill-mara ta' Charles German, u mit-tfal tieghu, li lkoll xehdu f'dawn il-proceduri, minn imkien ma jirrizulta li Charles German f'xi hin kellu s-senter li l-imputat jghid li ghaddielu. Minkejja li l-Qorti tista' tispekula dwar dak li setgha gara, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

Illi, apparti minn dan, kif gie elenkat fis-sentenza kwotata hawn fuq, **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et**, huma tlieta l-elementi li essenzjali li jsawwru r-reat li qed jigi kunsidrat. Dawn huma s-segwenti:

- li wiehed jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd;
- ghandu jezisti l-obbligu li dawn il-flus jew dik ix-xi haga tigi mroddha lura jew li jsir uzu minnhom b'mod specifiku u
- minflok ma jsir hekk, il-persuna idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi, fir-rigward tal-ewwel zewg elementi dawn gew pruvati. Jirrizulta li s-senter gie mghoddi minn Michelangelo Ciantar lill-imputat bl-obbligu li f'kaz li dan jigi trangat, l-imputat jixtri tali senter u f'kaz li ma jigix trangat, l-imputat kellu jirritorna lura s-senter lil Ciantar. Fir-rigward tat-tielet element, ma giex pruvat li l-imputat kien ser idawwar dan is-senter bi profit ghalih jew ghal haddiehor. L-imputat innega dan anke meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu lill-Pulizija meta qal li lil Michelangelo Ciantar fl-ebda hin ma qallu li kien biegh is-senter lill-persuna Maltija (*a fol.* 39). Wiehed ma jridx jinsa dak illi fil-kamp penali dejjem gie

ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Robert Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu 2009, il-Qorti qalet hekk:

> "Illi l-aggravju bazat fuq il-fatt li ma nstabet ebda droga ghand l-appellant ma jannjentax id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma gietx retratta minnu lanqas fix-xhieda tieghu li hu kien jixtri r-raza tal-cannabis ghalih kif ukoll ghal haddiehor, sija pure fix-xhieda tieghu emfasizza kemm felah li dan kien jaghmlu biex ipejjpuha flimkien. Din id-dikjarazzjoni tieghu, ladarba giet maghmula volontarjament tikkostitwixxi l-<u>prova regina</u> w ma hemmx ghalfejn tkun akkompanjata minn xi prova ohra bhal ma hi s-sejbien fiziku tad-droga fil-pussess tieghu".

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti jirrizultalha li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi din l-imputazzjoni taghmel riferenza specifika ghall-arma tan-nar bis-serje 15903/203479. Il-Qorti semghet kif l-ahwa Ciantar kellhom senter kull wiehed. Mid-depozizzjoni moghtija minn PS 369 Joseph Mizzi (*a fol.* 46 *et seq.*) jirrizulta li mentri s-senter fuq isem Michelangelo Ciantar igib in-numru 5867, is-senter registrat fuq Paul Ciantar igib in-numru 15903/203479. Dan jirrizulta miz-zewg dokumenti ezebiti minn PS 369 Mizzi, liema zewg dokumenti gew immarkati bhala Dok. "JM 1" u "JM 2" (*a fol.* 48 *et seq.*). Irrizulta mill-provi li s-senter ta' Paul Ciantar kellu bzonn li jsiru xi tiswijiet fuqu peress li kellu l-hsara. Fix-xiehda tieghu, PS 664 Jason Xerri (*a fol.* 32) jikkonferma li meta huwa mar id-dar ta' Paul Ciantar u kellmu, Paul Ciantar

ikkonfermalu li hu kellu senter tal-kacca li sab il-bejgh tieghu pero kellu xi hsara fih. Taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kellu fil-pussess tieghu l-arma tan-nar bin-numru 15903/203479. Il-Qorti jirrizultalha sodisfacentement pruvat li l-arma li l-imputat kien ha biex tissewwa u li huwa jghid li ha Malta hija dik ta' Paul Ciantar, liema arma ggib in-numru msemmi.

Illi jirrizulta li l-arma ghamlet xi zmien ghand l-imputat u li l-imputat ma kienx infurma lill-Pulizija li din l-arma *ossia* senter kien fil-pussess tieghu. Dan jikkonfermah l-imputat fil-kontro-ezami tieghu. L-imputat (*a fol.* 125 *et seq.*) jghid ukoll li hu ha l-arma ghand Ganni tad-Dura u ghand Charles German. Jirrizulta wkoll li fiz-zmien li kellu fil-pussess din l-arma, l-imputat ma kienx kopert bl-ebda licenzja minn ghand il-Kummissarju tal-Pulizija. Apparti minn hekk, il-Qorti semghet fid-depozizzjoni moghtija minn PS 369 Joseph Mizzi (*a fol.* 86 *et seq.*) li l-imputat ma kien ghamel ebda applikazzjoni mal-ufficju tal-Pulizija sabiex ikun jista' jgorr arma tan-nar lejn Malta. PS 369 jghid li ma sab l-ebda permess fuq l-imputat rigward dan. PS 369 ikkonferma li kull darba li jsir moviment ta' arma trid tigi nfurmata l-Pulizija, inkluz meta, per ezempju, l-kaccaturi minn Malta jmorru Ghawdex u inkluz meta l-arma tittiehed ghat-tiswija u manutenzjoni.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma jibqaghlha l-ebda dubju li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 20(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi, bhat-tieni (2) imputazzjoni, it-tielet (3) imputazzjoni taghmel ukoll riferenza specifika ghall-arma tan-nar bin-numru 15903/203479. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-kunsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, liema kunsiderazzjonijiet japplikaw ukoll ghat-tielet (3) imputazzjoni.

Illi Artikolu 20(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li hadd ma jista' ibiegh, jittrasferixxi jew jikkunsinna taht ebda titolu xi arma lil xi persuna li ma jkollhiex licenzja tal-Kummissarju ghal dik l-arma regolari. L-imputat *ex admissis* jikkonferma li huwa ha l-arma in kwistjoni kemm ghand Ganni tad-Dura u kif ukoll ghand Charles German, li jirrizulta ma kellhomx licenzja ghal dik l-arma. Ghaldaqstant, bhat-tieni (2) imputazzjoni, it-tielet (3) imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata wkoll u l-imputat ser jinstab hati taghha wkoll.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-gudizzju (*a fol.* 122), l-Avukat Generali jidhirlu li l-imputat ghandu jigu kkunsidrat bhala recidiv *ai terimini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni ezebit vera kopji ta' zewg sentenzi: wahda moghtija fil-15 ta' Frar 2007 (Dok. "C" – *a fol.* 20 *et seq.*) u ohra moghtija fid-29 ta' Settembru 2009 (Dok. "D" – *a fol.* 26 *et seq.*) minn liema sentenzi jirrizulta li l-konnotati hemm indikati tal-persuna li fil-konfront taghha nghataw is-sentenzi huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dawn is-sentenzi fil-fatt inghataw fil-konfront tal-imputat Jason Zammit.[1]

Illi ghandu jinghad li fiz-zewg sentenzi msemmija, il-piena kienet dik tal-multa. Il-Qorti ser taghmel riferenza ghad-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lydon Cutajar**, moghtija fis-6 ta' Frar 2013, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

[1] Apparti minn dan, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 117), id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq bhala xhud lis-Supretendent (gia Spettur) Antonello Grech sabiex jixhed dwar l-identita' ta' Jason Zammit, indikat fis-sentenza *a fol.* 20 *et seq.* deciza fil-15 ta' Frar 2007 u dana *stante* li d-difiza rrikonoxxiet illi Jason Zammit indikat fis-sentenza msemmija huwa l-istess Jason Zammit fil-kawza odjerna.

> "Kwantu ghal-multa nflitta permezz tas-sentenza tas-27 ta' April 2011, peress illi jirrizulta illi fis-27 ta' Awwissu 2012 din kienet ghadha ma thallsitx (ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2012 u Dok. "MB" *a fol.* 24 – 26), allura l-piena kienet ghadha ma gietx "skontata", u l-Artikolu 50 mhuwiex applikabbli. Kwindi hu applikabbli biss l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward biss tas-sentenza msemmija tas-27 ta' April 2011".

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont tal-fatt li ma giex pruvat jekk il-multi imposti fis-sentenzi ezebiti gewx imhallsa jew le, jirrizulta li l-imputat ghandu jitqies bhala recidiv biss taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "B" – *a fol.* 9 *et seq.*) u kif ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 4 ta' April 2013 b'mod partikolari Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

u Artikoli 5(1) u 20(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat Jason Zammit hati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba’ (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------